KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**8/19**

**Minuti tat-tmien (8) Laqgħa tad-dsatax il-sena tas-seba' (7) Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn 10 ta' Ġunju, 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Is-Sur Stephen Sultana** | - | **Sindku** |
| | **Is-Sur Jonathan Brimmer** | - | **Viċi Sindku** |
| | **Is-Sur Silvio Vella** | - | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Jason Mangani** | - | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Elizabeth Vella** | - | **Kunsilliera** |
| | **Is-Sur Horace J Anastasi** | - | **Kunsillier** |
| | **Is-Sur Darren Carabott** | - | **Kunsillier** |
| | **Is-Sinj Louise-Anne Gusman** | - | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħat 4/19, 5/19 u 7/19 u tal-Laqgħa b'Urġenza 6/19.
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata
(a) Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Għażla
(b) Festa Titulari
8. Komunikazzjoni mis-Sindku
9. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

**1 Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħat 4/19, 5/19 u 7/19 u tal-Laqgħa b'Urġenza 6/19**

**1.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti 4/19**

1.1.1 Il-Minuti 4/19 ttieħdu bħala moqrija.

**1.2 Korrezzjoni tal-minuti 4/19:**

1.2.1 Il-Kunsilliera s-Sinj Elizabeth Vella issuġġerit li l-ismijiet tal-membri tal-pubbliku jitneħħew minn fuq il-minuti. Saret diskussjoni fuq is-suġġett. Ittieħed vot biex il-membri tal-pubbliku jitniżżlu fuq attendenza separata. Il-vot ġie 6 favur: Is-Sur Stephen Sultana, is-Sur Jonathan Brimmer, Is-Sinj Vella, is-Sur Silvio Vella, is-Sur Jason Mangani u s-Sur Darren Carabott. Vot kontra: Is-Sur Horace J Anastasi. Il-vot għadda 6 kontra 1 lill-membri tal-pubbliku jitniżżlu fuq attendenza separata.

1.2.2 Minuta 2.1 biex iżżid 'Segretarju Eżekuttiv' qabel SE.
1.2.3 Minuta 3.2.4 'astinenza' biex issir 'astenzjoni'
1.2.4 Minuta 3.3.1 'Kidstart' biex issir 'Bee Smart'; 'ikollha' biex issir 'ikollhom' u minflok 'hinijiet' issir 'tabelli'.
1.2.5 Minuta 3.4.3 biex taqta' 'u' u żżid 'il-ġranet ikunu' qabel Sibtijiet.
1.2.6 Minuta 3.7.1 biex iżżid 'nġibdet l-attenzjoni tal-fatt li ma kienx hemm *works order* fuq ix-xogħolijiet.' wara 'is-Sur Mallia u'

**1.3 Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti 4/19:**

1.3.1 Minuta 3.2.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Dr Luciano Busuttil qiegħed jipprepara ~~l-protest~~ kontroprotest ġudizzjarju. Żied jgħid li l-*Ombudsman* bagħat għas-Sur Sultana u li huwa kien akkumpanjat mill-Avukat Luciano Busuttil. Is-Sur Anastasi staqsa kif intgħażel l-Avukat Luciano Busuttil meta qabel is-Sindku kien tenna li kien se jagħżel avukat mhux politiku. Is-Sur Anastasi staqsa jekk ser isirx kontra protest u s-Sindku qal li l-Kunsill kien iddeċieda li jsir il-kontra protest. Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni sar fl-4 ta' Lulju 2011 u mhux fis-7 ta' Lulju 2011.

1.3.2 Minuta 3.4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri li r-*Richmond Foundation* ser iżommu *seminar* ta' ġurnata dwar is-Saħħa Mentali fil-11 ta' Lulju 2013 fl-10.30 ta' filgħodu, fid-*Day Centre* u l-Pubbliku huwa mistieden.

1.3.3 Minuta 3.4.2 Is-Sindku qal lit-taħdidiet mill-Kura Primarja bdew l-ġimgħa li għaddiet u għall-ewwel laqgħa kien hemm biss tliet persuni.

1.3.4 Minuta 3.4.4 Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni li huwa ħalla *financial indicator* ta' iżjed minn 90% għal xogħol infrastrutturali ~~a li~~ * kien hemm xi kuntratti li ma kienux qed jiffunzjonaw. Is-Sur Anastasi oġġezzjona għal mod ta' kif is-Sindku kien qed imexxi l-laqgħa u rrimarka li kien mod dittatorjali kif ma kienx qed iħallih jitkellem, ma jħallihx jitlob korrezzjoni eċċ.

1.3.5 Minuta 3.4.6 is-Sindku ta l-programm tat-TCTC. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li tkellmet mat-*technician* tat-TCTC.

1.3.6 Minuta 3.6.1 Is-Sindku ddikjara li mhux ser jkun hemm tibdil fit-*Tender Embellishment Works Misraħ Santa Venera, Santa Venera.*

* s-Sindku irrimarka li l-financial Indicator kien b'saħħtu għax ma sar xejn

1.3.7 Minuta 3.9.3 Is-Sur Anastasi saħaq li dan mhuwiex garaxx. Il-kaxxa s-safra saret fejn mhux suppost u li saret kontra liġi. Is-Sindku qal lis-Sur Anastasi biex ifittxu huwa personali. Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni tas-SE, li l-Kunsill qiegħed imur kontra l-liġi u r-regolamenti.

1.3.8 Minuta 3.9.4 Is-Sur Anastasi qal lir-ritratti ma kienux meħudin sew biex juru l-bankina kif kienet. Il-bankina saret mis-sid bil-mużajk u ħariġha 'l barra ħafna aktar milli suppost. Is-Sur Anastasi ssuġġerixxa li s-SE tikteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali.

**1.4 Qari u approvazzjoni tal-minuti 6/19**

1.4.1 Il-Minuti 6/19 ittieħdu bħala moqrija.

**1.5 Korrezzjoni tal-minuti 6/19:**

1.5.1 Minuta 1.1 biex jitneħħew 'li mhux se jiżdied imma li jsir l–eżistenti' u jiżdiedu 'u rrimarka li se jibqa' l-istess daqs'.
1.5.2 Minuta 1.3 'l-Assistant' issir 'l-Assistent'
1.5.3 Minuta 1.4 biex titneħħa 'tiegħu' u jiżdiedu 'li kien ikkomunika miegħu l-Perit'; biex 'l-spiza' wara din issir 'l-ispiża'.
1.5.4 Minuta 1.12 wara 'uplighters' tiżdied sentenza 'Kien hemm qbil sabiex jinġiebu kwotazzjonijiet separati f'dan ir-rigward.'
1.5.5 Minuta 1.14 'alenka' biex issir 'elenka'; wara 'Kunsill' biex jitneħħew 'nhar it -Tnejn 10 ta' Ġunju' u żżid 'li kien jmiss'; 1.14.4 biex 'iż-żuntier' issir 'iz-zuntier'

**1.6 Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti 6/19**

1.6.1 Għall-affarijiet li jitqajjmu mill-minuti 6/19, il-Kunsill iddeċieda li jirreferi għal-laqgħa 7/19.

**1.7 Qari u approvazzjoni tal-minuti 5/19**

1.7.1 Il-Minuti 5/19 ittieħdu bħala moqrija.

**1.8 Korrezzjoni tal-minuti 5/19**

1.8.1 Minuta 1.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha terġa' tisma' r-*recording* tal-minuti 3/19 dwar din il-minuta. [1.11 Minuta 3.4.1 biex 's-Sur Anastasi kien ta gwida' issir 'il-Kunsill kien ta gwida'].
1.8.2 Minuta 1.13 biex wara jkompli 'jitkellem' issir 'itellef'. Is-Sur Anastasi ma qabilx mal-korrezzjoni peress li huwa kien qiegħed jitkellem dak il-ħin u mhux itellef. X'ħin is-Sindku talab għal vot, kemm is-Sur Brimmer u s-Sur Vella kienu barra mill-kamra. Is-Sindku sejħilhom biex jidħlu u s-Sur Sultana talab għal vot. Voti favur: 5, Is-Sur Sultana, is-Sur Brimmer, is-Sur Vella, is-Sur Mangani u s-Sinj Vella Is-Sur Anastasi vvota kontra u s-Sur Carabott astjena. Il-vot għadda 5 favur, 1 kontra u 1 astenzjoni.

1.8.3 Minuta 2.1.2 Biex jiżdiedu żewg membri tas-Sotto Kumitat: Leonard Grech u Julia Zammit qabel Elizabeth Vella.

1.8.4 Minuta 2.1.3 Biex tiżdied din il-minuta: Hawnhekk daħal il-Kunsillier is-Sur Darren Carabott fis-7.10 ta' filgħaxija u ħa postu madwar il-mejda.

1.8.5 Minuti 2.1.3 sa 2.1.5 isiru 2.1.4 sa 2.1.6.

1.8.6 Minuta 3.2.5 biex iżżid 'Urban Improvement Fund' qabel 'UIF'; u biex iżżid sentenza fl-aħħar : 'Il-Kunsill talab għall-estensjoni tal-kuntratt.'

1.8.7 Minuta 3.2.6 biex tikteb Ministeru tar-'Riżorsi' minflok 'Rizorzi' u 'Infrastruttura', minflok 'Infrastrutura'.

1.8.8 Minuta 3.2.9 'semmha' biex issir 'semma'

1.8.9 Minuta 5.3.1 'Dak in-nhar' biex issir 'Dakinhar'; 'setgħax' biex issir 'setax';

### *1.9 Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti 5/19*

1.9.1 Minuta 1.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għandha terġa' tisma' r-*recording* tal-minuti 3/19 dwar din il-minuta [1.11 Minuta 3.4.1 biex 's-Sur Anastasi kien ta gwida' issir 'il-Kunsill kien ta gwida'. Hawnhekk is-Sindku ma qabilx mal-korrezzjoni u talab għall-vot li ma tinbidilx il-minuta. Vot kien 5 favur u wieħed kontra (is-Sur Anastasi). Saret diskussjoni fejn is-Segretarju Eżekuttiv (SE) għandha tisma' r-*recording* ta' din il-minuta].

1.9.2 Is-Sur Anastasi talab lis-SE biex tgħid x'semgħet waqt ir-*recording* u s-SE qalet li is-Sur Sultana kien qal dawk il-kliem. Is-Sur Anastasi talab lis-SE tgħid x'qal huwa – is-Sur Anastasi, imma hi semgħet biss x'qal is-Sur Sultana. Is-Sur Sultana qal li s-SE qablet ma x'qal is-Sindku. Saret diskussjoni fuq il-kaz u s-SE għandha terġa' tisma' r-*recordings*. Is-Sur Sultana talab għal vot biex din il-kwistjoni tieqaf dak il-ħin. Il-vot ma tteħidtx.

1.9.3 Ir-*recording* tal-minuta: 'Is-Sindku s-Sur Stephen Sultana kien qal li kien hemm korrispondenza li kienet ilha għaddejja minn żmien is-Sindku preċedenti s-Sur Anastasi, minħabba *yellow line* quddiem il-garaxx Triq Ċensu Bugeja. Is-Sur Sultana dakinhar tal-laqgħa kien qal lis-Sur Anastasi kien ta gwida u qalilhom li jekk għandhom permess ta' garaxx jarah il-Kunsill. Saret diskussjoni fuq jekk ir-resident għandux permess ta' garaxx jew le u s-Sur Anastasi kien qal li jekk jgħidu li għandhom garaxx u ma jġibux il-permess ta' garaxx, il-Kunsill m'għandux jiżbogħ il-linji sofor. Huwa qal li l-Kunsill ma jistax jagħmel xi ħaġa kontra l-liġi/regolamenti. Is-Sur Sultana qal li ma jistgħux jidħlu f'din il-burokrazija kollha u qal li l-Kunsill huwa suprem. Żied jgħid li dan huwa każ ġenwin u talab li jsir vot. Is-Sur Anastasi talab lis-SE biex tara lil-liġi ma tinkisirx. Is-SE talbet biex jiktbu lit-TM imma, s-Sur Sultana qalilha biex ma tikteb lil ħadd. Is-Sur Darren Carabott talab lis-Sindku biex jiktbu lit-TM l-ewwel, imma is-Sur Sultana qal li m'għadhomx għalfejn. Is-Sur Sultana qal li *at Council level* huma iridu jipproċedu u imbagħad jekk it-TM jitolbuhom biex ineħħuha huma jneħħu dawn il-linji sofor. Is-Sur Anastasi talab biex is-SE tikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal

u kwistjonixxi d-deċiżjonijiet

direzzjoni. Is-Sur Sultana qal li s-SE qegħda hemm biss, biex tikteb il-minuti. Is-SE wieġbet li hija qegħda hemmhekk biex tara li l-ebda liġi ma tinkiser u li hija għandha dritt titlob għal direzzjoni lid-Dipartiment għal Gvern Lokali.'

1.9.4 Minuta 1.13 Is-Sur Anastasi stqarr li bħala Kunsillier elett mill-poplu jassigura lil kulħadd li ma jiġiex il-Kunsill biex itellef anzi, pjuttost li huwa Kunsillier li dejjem jagħti sehmu u li jisħaq li huwa ma jiksirx il-liġi u, ma jridx lill-Kunsill jikser il-liġijiet/regolamenti. Is-Sindku qal lis-Sur Anastasi, għal iktar minn laqgħa waħda, kien qiegħed ikompli itellef. Dan reġa' nnegah is-Sur Anastasi.

1.9.5 Minuta 4 Is-Sur Mangani żied lis-Sinj Josette Aber fuq is-Sotto Kumitat tal-Familja, Anzjani, Qasam Soċjali u Persuni bi bżonnijiet speċjali.

1.9.6 Minuta 2.1.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsillieri s-Sinj Vella, s-Sur Anastasi, s-Sur Brimmer u s-Sur Carabott għadhom ma tawx l-ismijiet tal-membri tas-Sotto Kumitati tagħhom. Is-Sinj Vella qalet li l-membri tas-Sotto Kumitat tas-*Self Employed*, Negozji, Intrapriżi Żgħar ser jkunu: Is-Sinj Maria Muscat, Is-Sur Ronnie Tonna, s-Sinj Agnes Medati, s-Sur Anthony Attard, is-Sur Jonathan Pace u s-Sinj Grace Attard. Is-SE tablet lill-Kunsilliera Vella biex tibgħatilha l-indirizzi tagħhom sabiex tinħarġilhom l-ittra uffiċjali. Is-Sur Carabott stqarr li qiegħed isib diffikulta' biex isib membri li għandhom l-istess interess tas-Sotto Kumitat. Is-Sur Anastasi u s-Sur Brimmer qalu li huma ser jgħaddu l-ismijiet tas-Sotto Kumitat tagħhom darb'ohra. Is-Sindku infurmahom li huma jridu jagħtu l-ismijiet fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Carabott staqsa jekk hemmx limitu ta' membri fuq is-Sotto Kumitat. Is-Sindku wieġeb li f'Kumitat irid jkunu 7 membri u 8 biċ-Ċermen. Skont is-Sindku, għal sotto kumitat mhemmx limitu ta' numru tal-membri.

1.9.7 Minuta 5.3.1 Is-Sur Anastasi rriaffirma li ma qabilx mad-deċiżjoni li ħa l-Kunsill u, mal-minuta tal-laqgħa preċedenti. Is-Sur Anastasi staqsa jekk il-Kunsill għadux f'pożizzjoni li jieħu parir legali u huwa staqsa jekk s-SE kitbitx lid-Direttur. Is-Sur Sultana qal li din kienet deċiżjoni li ħa l-Kunsill u ma tistax tinbidel qabel 6 xhur. Is-Sur Anastasi qal li s-SE trid tikkonferma jekk għandhiex risposta mid-Diretttur. Is-SE qalet li għad m'għandhiex risposta.

1.10 Is-SE talbet lis-Sindku biex jikkonfermaw il-minuti li ġew approvati. Is-Sindku qal ~~lill-~~ li l-minuti ġew approvati kollha 4/19, 5/19 u 6/19.

## 1.11 Kuntrattur tal-Kunsill Lokali

1.11.1 Wara li dawn il-minuti ġew approvati s-Sinj Vella staqsiet jekk il-Kunsill għadux bl-istess Kuntrattur tal-knis li kellu qabel jew bil-ġdid. Hawn is-Sindku rrimarka li din kienet mistoqsija valida u li hekk għandhom ikunu l-mistoqsijiet. Is-Sur Anastasi ġibed l-attenzjoni lill-minuti kienu diġa' approvati u kkonfermati u għaldaqstant, il-mistoqsija kienet irrelevanti. Is-Sindku ried lis-Sinj. Vella tkompli fuq dak li kienet qed tistaqsi. Hawn is-Sur Anastasi talab l-intervent tas-SE iżda, s-Sindku ried lis-Sinj Vella tibqa' għaddejja. Kompliet id-diskussjoni li l-*matters arising* kienu ingħalqu u lis-Sinj Vella talbet għal *matters arising*. Is-Sur Carabott qal li l-mistoqsija kienet importanti u li l-laqgħa kienet għadha għaddejja. Is-SE riedet tiġbed l-attenzjoni lill-Kunsill li l-minuti kienu magħluqa imma, s-Sindku ma tahiex permess biex

titkellem. Is-Sur Silvio Vella qal li din kienet mistoqsija mportanti u s-Sindku qal li l-kunsill irid jagħti permess lis-SE biex titkellem u dar fuq il-Kunsilliera s-Sinj Vella biex tkompli titkellem u njora x'kellha tispjega s-SE.

1.11.2 Is-Sinj Vella qalet li l-kuntrattur li qed imur Santa Venera, għandu tifel żgħir li jinżel mill-gabina u li hija ratu xi darbtejn b'dan it-tifel fil-gabina. Is-Sindku qal li kien hemm aġġudikazzjoni tat-*tender* li kien sar f'Marzu u li l-PCRB qata' il-każ ftit ilu. Huwa qal li l-Kunsill irid jgħaddi għall-evalwazzjoni ta' dan it-*tender* u li l-kunsill kien għadu għaddej bil-kuntratt ta' qabel. Huwa qal li għandu f'idejh ir-rapport tal-*Contracts Manager* u jekk ix-xogħol mhux qed isir sew, joħroġlu d-*default notices*. Is-Sur Anastasi żied jgħid li peress li ngħalqet il-laqgħa, dan kien qiegħed isir kontra l-liġi.

1.11.3 Is-Sur Anastasi qal lis-Sinj Vella kellha tirraporta lill-Pulizija. Is-Sinj Vella qalet lit-tifel kien fil-gabina u li kien qiegħed jiġri magħhom imma, ma kien qed jagħmel xejn. Is-Sur Sultana qal lis-Sinj Vella kienet qed tirreferi għal kuntrattur tal-knis li għandhom bħalissa.

1.11.4 Is-SE qalet li hija ma setgħetx tifhem kif dan it-tifel kien bil-gabina. L-SE rrimarkat li ma setgħetx tifhem il-kuntest ta' x'għandu x'jaqsam il-Kuntrattur tal-Knis mal-gabina. Is-Sur Silvio Vella qal li dan huwa Salvu u, li huwa responsabbli. Is-SE qalet li tal-gabina jkun il-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku u mhux tal-knis. Is-SE qalet li dan li tkellmet fuqu s-Sinj Vella m'għandu x'jaqsam xejn mal-kuntrattur tal-knis. Hawn is-Sinj Vella stqarret li ma kienetx taf jekk kienx tal-knis jew tal-ġbir tal-iskart domestiku.

1.11.5 Irriżulta li din ma kelliex x'taqsam mal-~~laqgħa~~ u s-Sur Sultana qal lis-Sinj Vella biex tippreżenta dan il-każ fl-laqgħa oħra.

**1.12 Qari u approvazzjoni tal-minuti 7/19**

1.12.1 Is-Sindku talab lis-SE biex taqra l-minuti 7/19 u fl-istess ħin ssir l-korrezzjoni.

**1.13 Korrezzjoni tal-minuti 7/19**

1.13.1 Korrezzjoni lill-membri tal-pubbliku iridu jkunu fuq attendenza separata.

1.13.2 Minuta 1.3.1 biex iżżid 'Aġent Segretarju Eżekuttiv' qabel 'ASE'.

1.13.3 Minuta 1.3.2 biex iżżid 'Segretarju Eżekuttiv' qabel 'SE'; biex iżżid 'Dipartiment għal Gvern Lokali' qabel 'DLG'; biex iżżid 'madwar' wara kull stima f'din il-minuta.

1.13.4 Minuta 1.3.3 biex iżżid 'Romina' qabel 'Perici Ferrante'.

1.13.5 Minuta 1.3.5 'ser jiktbu' biex issir 'ser jikteb'.

1.13.6 Hawnhekk is-Sur Darren Carabott qal li fil-minuti għandhom jitniżżlu ~~bid~~-deċiżjonijiet. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li nqabżet biċċa fejn is-Sindku kien qal li saret laqgħa ~~miegħu~~, mal *minority leader* u r-residenti u dakinhar tal-laqgħa s-Sur Anastasi kien qal li huwa

m'għandux *minority leader*. Is-Sur Carabott xtaq li fil-minuti jitniżżlu li ntqal dan il-kliem u żied jgħid li jekk irid is-Sur Anastasi, jressaq il-kummenti tiegħu f'matters arising. Is-Sur Mangani qal li s-Sur Carabott għandu raġun u li kollox irid jinkiteb. Is-Sur Anastasi spjega li dakinhar huwa kien qal li kieku bħala minority leader, is-Sinj Vella kellha tgħidilhom li sejra għal-laqgħa mar-residenti u mhux marret il-laqgħa mar-residenti u ma nfurmat lil ħadd mill-Kunsillieri tal-Partit Nazzjonalista. Is-SE infurmat lill-Kunsill lis-Sindku kien widdibha biex il-minuti tibda tqassarhom kemm jista' jkun. Is-Sur Anastasi qal li din ma kenitx korrezzjoni. Is-Sur Carabott qal li din kienet korrezzjoni u trid titniżżel dak il-ħin. Is-Sur Anastasi qal lis-Sindku messu jitkellem mas-SE u mhux iwiddibha lill-minuti ma jistgħux ikunu twal u kif jaqbillu jgħidilha biex ittawwal. Is-Sindku qal li din il-minuta trid tiżdied. Is-Sur Horace J Anastasi spjega li huwa qal li m'għandux *minority leader* għax is-Sinj Vella ma nfurmat la lilu u lanqas lis-Sur Darren Carabott bil-ftehim li kienet għamlet mas-Sindku peress li ma kienx infurmat bil-laqgħa. Huwa kompla lill-*minority leader* suppost jinforma lill-Kunsillieri tiegħu b'kollox u mhux isiru l-affarijiet minn taħt u jsiru jafu waqt il-laqgħa u lanqas ikunu ppreparati għaliha. Is-Sur Anastasi fakkar lis-Sindku li huwa dejjem irrefera għall-Kunsillieri kollha.

1.13.7 Is-Sur Mangani ġibed l-attenzjoni tas-Sindku fejn is-SE infurmathom li huma kienu qalu kontra l-ħaddiema. ~~Is-Sindku nfurmah li din se tkun fil-matters arising.~~ Is-SE qalt ma resqet evidenza f'dan ir-rigward

1.13.8 Minuta 1.3.6.1 biex tiżdied 'Kien hemm proposta għal' minflok 'Li ser jsiru xi'; biex jitneħħew 'l-overflow tal' u 'ħa jgħaddi minn taħt il-bini tar-residenti' u tizdied 'ħa ikollu l-ħmieġ li jkun hemm fit-triq li jispiċċa fil-ġibjun.' fl-aħħar tal-minuta.

1.13.9 Minuta 1.3.6.2 biex tiżdied 'fost oħrajn' wara 'Perit' u titneħħa '*disposable*' u ssir '*portable*'.

1.13.10 Minuta 1.3.6.3 biex titneħħa 'din tiġi in line mal-*variation*'.

1.13.11 Minuta 1.3.6.4 biex tiżdied 'ser isir ukoll' qabel 'fejn' u tiżdied 'madwar' qabel '€10,000'.

1.13.12 Minuta 1.4 biex jitneħħew 'bolts aħjar' u jiżdiedu 'brackets ġodda'

1.13.13 Minuta 2.3 biex titneħħa 'tinfunzjona' u ssir 'topera'

1.13.14 Minuta 2.4 biex tiżdied 't' biex issir 'tresqet' u biex titneħħa s-sentenza 'Is-Sindku qal lill-*Accountant* biex jidħlu bil-*balance sheet* tal-Kunsill'; biex tiżdied 'madwar 20%' wara 'jidħlu' ; biex jitneħħew 'sakemm jidħlu ċertu ammont' u jiżdiedu 'lill-Kumitat Kongunt' qabel 'wara'; 'u' titneħħa 'u' qabel 'l-Kunsill'.

1.13.15 Minuta 2.7: saret diskussjoni fuq il-membri tal-pubbliku biex tal-anqas jitniżżlu li kienu preżenti u li ser ikunu mniżżla fuq attendenza separata.

1.13.16 Minuta 3.2.1 biex titneħħa 'Parroċċa' u ssir 'Kanun'; biex tiżdied 'kien' qabel 'bħala'; biex titranġa l-kelma 'spejjeż' u 'mill-operat'.

1.13.17 Minuta 3.2.3 Biex tiżdied 'għalissa' wara 'Kunsill'; u tiżdied 'xi' qabel '€75,000'. Hawnhekk is-Sindku spjega li d-DLG jrid jagħti differenza tad-deskripanza. Hemm mal-€75000 x'jiġħdu mid-DLG. Dawn huma l-kalkoli li għamel is-Sindku stess bi qbil mal-Accountant, SE u l-perit

1.13.18 Minuta 3.2.5 biex ~~titnea~~ 'issuġġerixxa' u ssir 'irrimarka'u tiżdied 'li l-unika mezz biex iżidu d-dħul huwa li'qabel 'jżidu'.

1.13.19 Minuta 5.2.1 biex titneħħa 'jinforma' u ssir 'jirrakkomanda' wara 'kien'; biex titneħħa jkun hemm' qabel 'dan'; biex jiżdiedu 'ikun iffurmat min' qabel 'Kumitat', 'ikun hemm Dr' qabel 'Joseph'.

1.13.20 Minuta 5.3.1 biex jiżdiedu 'Dawn ser jkunu tul il-leġiżlatura.' fl-aħħar tal-minuta.

1.13.21 Minuta 5.3.1 biex jitneħħew 'għalfejn jagħti spjegazzjoni' u jżid 'xi jżid ma dak li qal.'

1.13.22 Minuta 5.5.1 biex jitneħħew 'u dan mar jirraporta lis-Sindku.' qabel 'Vella'. Hawnhekk is-Sur Anastasi qal li huwa semma minn kien preżenti biss. Is-Sur Mangani qal li fuq il-ktieb tal-Kunsill ta' Hal Qormi kitbu li dawn saru mill-Kunsill ta' Ħal Qormi. Saret diskussjoni fuq din il-minuta.

1.13.23 Minuta 5.6 biex titneħħa 'xi' u tiżdied 'diversi' wara 'semma'; biex jiżdiedu 'għal ta' Triq il-Kanun.' qabel '*holders*'. Hawnhekk is-Sur Brimmer fakkar li dawn ser jkunu on *hold.*

1.13.24 Minuta 5.7.3 biex jiżdiedu 'huwa l-ħsieb tal-Kunsill li' u titneħħa 'se' wara 'li'; titneħħa 'ħdejn' u ssir 'biswit' qabel 'il-Kunsill';tiżdied 'kienet' qabel 'ordnat'.

1.14 Is-Sur Brimmer staqsa lis-SE biex tibgħatilhom il-lista tal-appuntamenti li għandhom mal-Għaqdiet. Is-SE gibdet l-attenzjoni li s-Sindku bgħat l-inviti imma hija għadha ma tafx jekk irceviex konfermazzjonijiet min għand l-għaqdiet.

1.15 Il-minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati.

2 Is-Sindku talab għal sospenzjoni tal-Aġenda u biex imorru fuq punt tal-Aġenda: 7 - - (a) Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Għażla

**2.1 Ordnijiet tal-Ġurnata - Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Għażla**

2.1.1 Is-Sindku talab lis-SE biex taqra r-rapport li qiegħed jirrakkomanda l-Bord tal-~~Aġġudikazzjoni~~ Għażla għas-sejħa għal Skrivana Skala 15. Is-Sur Anastasi talab għal kopja ta' dan ir-rapport. S-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jibgħatilhom kopja tiegħu. Il-marki tal-unika kandidata Sharon Mifsud kienu 57 marki minn 100. Il-kriteri kienu - *Work Experience, 20 marks, Qualifications, 20 marks, Communication Skills, 10 marks, Personality 10 marks, General Knowledge, 20 marks u Extra Curricular, 20 marks*. Saret diskussjoni fuq kif marret fl-

intervista. Irriżulta lis-Sinj Mifsud ma tantx marret tajjeb fil-*general knowledge* u fuq tagħrif dwar il-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li qisha ma kenitx ippreparata għall-mistoqsijiet li staqsewha fuq Santa Venera. Is-Sur Anastasi staqsa x' esperjenza għandha u għalfejn telqet mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan. Is-Sur Brimmer qal li hija qalet li kienu iħalluha taħdem waħidha. Fuq esperjenza tax-xogħol li kellha qabel, hija infurmat lill-Bord ~~lill~~-Kumpanija li kienet taħdem magħha qabel bdiet tagħmel restructuring u hija kienet l-aħħar waħda li daħlet. Issemmew il-kwalifiki li għandha. Is-Sindku talab jekk hemmx oġġezzjonijiet. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u r-rapport *nem con.*

3 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija.

4 Il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

Ranier Busuttil

Aġent Segretarju Eżekuttiv

Stephen Sultana

Sindku

Ikkonfermati llum, 8 ta' Lulju 2013